A.L. 119 ta' l-1992

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR
(KAP. 261)

Ordni ta' l-1992 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 18)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1992 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 18).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-30 ta' Novembru, 1992.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Biċċa art li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern Ta' Masrija, limiti Mellieħa, tal-kejl ta' madwar 30 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, Majjistral u Punent ma' proprjetà tal-Gvern, delineata bl-aħmar fuq L.D. 359/91/1.

(2) Flat numru 4, Blokk 4A, Qasam tad-Djar tal-Gvern San Ġwann T'Għuxa, Cospicua (Tenement No. 68546).

(3) Dar bin-numru 54, Triq id-Dawr, Mosta (Tenement No. 70746).

(4) Dar bin-numru 57, Triq id-Dawr, Mosta (li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Anthony Sciberras, Lvant ma' Triq id-Dawr u Punent ma' proprjetà tal-Gvern.

(5) Dar bin-numru 60, Triq id-Dawr, Mosta (Tenement No. 70752).

(6) Maisonette bin-numru 8, Triq Joseph Stivala, Paola (Tenement No. 61722).

(7) Maisonette bin-numru 3A, Blokk A, Qasam tad-Djar tal-Gvern Ta' Pascarella, Qormi (Tenement No. 70410).

(8) Flat numru 1, Blokk XII, De La Cruz Avenue, Qormi (Tenement No. 64224).

(9) Flat numru 3, Blokk H, Għajn Kajjet, Rabat (Tenement No. 68656).

(10) Maisonette bin-numru 4, Blokk I, Triq Għeriexem, Rabat (Tenement No. 63827).

(11) Dar bin-numru 10, Triq iċ-Ċawsli, San Ġwann (Tenement No. 65096).

(12) Flat numru 2, Blokk V, Neighbourhood 2, Triq il-Fuxa, Santa Luċija (Tenement No. 72083).

(13) Dar bin-numru 4, Triq il-Kosbor, Ta' Xbiex (li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Charles Mizzi, Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern u Lvant ma' Triq il-Kosbor).

(14) Dar bin-numru 10, Qasam tad-Djar tal-Gvern Triq San Leonardu, Xgħajra — Żabbar (Tenement No. 70380).

(15) Dar bin-numru 65, Triq il-Fossa tal-Qamħ, Żejtun (Tenement No. 67596).

(16) Dar imsejjħa "St Francis" fi Triq l-Armerija, Żurrieq (Tenement No. 65068).